Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 438/2005

**Mirachem (Marketing) Limited – C8790**

**Vs**

**Owen Psajla (ID: 0018683M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti l-import ta' hames kambjalijiet li skadew bejn it-30 ta' Marzu, 2003 sat-30 ta' Dicembru, 2003 liema kambjalijiet immaturaw u ma thallsux.

Il-konvenut debitament notifikat ma pprezenta l-ebda Risposta.

Illi l-kambjalijiet originali gew debitament esebiti.

Fis-seduta tas-7 t'April, 2005 gie pprezentat Kapitolu u l-konvenut, imsejjah tlett darbiet ma deherx u ghalhekk il-Kapitolu jisthoqq li jigi mistqarr.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------